# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 2272/98**

**Numru 28**

**Charles Cutajar, Salvatore Galea u kif ukoll Carmelo Zerafa**

**vs**

**Francis Buhagiar u Joseph Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex prevja kull dikjarazzjoni opportuna dwar it-terminazzjoni ta' kull titolu, jigu kkundannati izzarmaw il-mansab u jizgombraw mill-porzjoni raba denominata Tax-Xaghra T'Isfel u tal-Hawlija fil-limiti tal-Imtahleb li hija detenuta mill-atturi hlief ghal Carmelo Zerafa b'titolu ta' qbiela, mentri Carmelo Zerafa huwa proprjetarju ta' parti mit-territorju in kwistjoni.

Bl-ispejjez. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni. Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizzju ma jeccedix il-hames mitt Lira Maltin (Lm500).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 4 tal-atti) li biha eccepew:

1. Illi preliminarjament l-atturi ghandhom igibu l-prova li fuq l-art mertu tal-avviz fl-ismijiet premessi huma ghandhom xi titolu validu skond il-ligi.

2. Illi l-eccipjenti ilhom madwar ghaxar snin fil-pussess ta' l-imsemmija art li huma qed juzaw bhala mansab.

3. Illi mir-ricerki li ghamlu l-eccipjenti jirrizulta li l-art in kwistjoni ma tappartjeni b'ebda titolu lil xi wiehed mill-atturi.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat.</u>

Illi l-attur Charles Cutajar, permezz ta' 'affidavit' sottomess minnu (fol 21 ibid) spjega illi l-konvenuti, kienu bnew mansab fir-raba in kwistjoni, parti imqabbla lilu u in parti propjeta tal-attur l-iehor, Carmelo Zerafa, u dan minghajr il-permess tal-istess atturi.

Illi, in rigward it-titolu tal-atturi, ssir referenza ghad-dokumenti 'in atti' a fol 8 et seq ibid u a fol 22 et seq ibid kif ukoll ghax-xhieda ta' Emanuel Darmanin (a fol 35 et seq ibid) li xehed, f'isem l-Kummissarju tal-Artijiet u ghal dik ulterjuri tal-attur Charles Cutajar (a fol 44 ibid).

Ikkunsidrat

Illi daparti tal-konvenuti, permezz ta' nota li tinsab in atti a fol 39, huma ddikjaraw li kienu nehhew il-mansab in kwistjoni 'u fejn darba kien dan il-mansab illum qieghed jigi okkupat mill-atturi'. Inoltre, Francis Buhagiar (fol 42 ibid) xehed li l-mansab kien inbena fuq art parti tal-Gvern ta' Malta u parti ta' sidien mhux maghrufa. Hu testwalment qal '……. bnejt il-mansab ghax ma sibtx ta' minn hi l-art ta' sidien mhux maghrufa. Pero naf li ma kienetx tieghi'.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, irrizulta, ampjament, li l-konvenuti bnew il-mansab fuq art apartenenti lil terzi persuni cjoe detenuta b'titolu validu fil-ligi, mill-atturi odjerni.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-atti, l-meritu ta' din il-kawza qatt ma gie cedut mill-atturi.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jzarmaw l-imsemmi mansab u sabiex jizgombraw mill-porzjoni raba denominata tax-Xaghra T'Isfel u tal-Hawlija fil-limiti tal-Imtahleb u dan kollu sat-13 ta' April 2002. Bl-ispejjes kollha ta' din il-procedura kontra l-istess konvenuti.

Alan Calleja
Deputat Registratur